# Paolino Vassallo 1856-1923

## Ir-Riformista Malti tal-Motu Proprio b'Tifkira tal-150 Sena minn Twelidu f'Bormla

**Studju ta' Mario Attard**



Paolino Vassallo twieled f'Bormla fl-24 ta' Lulju 1856 minn Salvatore u Vittoria (kunjomha ta' xebba Scicluna). Studja l-vjolin taħt Domenico Amore. Taħt Luigi Fenech u Giuseppe Freemond studja l-orgni, it-teorija u l-kompożizzjoni. Dawn kienu tliet għalliema providenzjali għal Vassallo għaliex bnewlu bażi soda li kienet vitali tul ħajtu kollha.

Paolino Vassallo żżewweġ lil Maria Anna (kunjomha ta' xebba Grech) fis-7 ta' Lulju 1896 u miż-żwieġ tagħhom kellhom iben, Victor, li 'l quddiem sar Speċjalista tal-Mard tal-Moħħ. Kellhom ukoll lil binthom Bice li kienet abbli mmens fuq il-pjanu. Ta' min jgħid li Bice Vassallo kienet iżżewġet lil Dr. Enrico Mizzi, li kien wieħed mill-Prim Ministri ta' Malta. Ta' min jgħid li dik li kellha tkun il-mara tiegħu ltaqa' magħha meta fl-1888 kien ġie Malta jżur lil ommu u lil missieru. Għalkemm ġie bit-tir li jmur lura f'Pariġi biex ikompli l-karriera mużikali tiegħu hemmhekk, spiċċa biex baqa' Malta.



Nhar il-25 ta' Ġunju 1905 fl-okkażjoni speċjali għal Belt twelidu, ġewwa l-parroċċa Kolleġġjata ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, Vassallo dderieġa l-quddiesa pontifikali li kien qaddisha l-Legat tal-Papa Piju X, il-Kardinal Domenico Ferrata.

Nhar it-30 ta' Jannar 1923, għall-ħabta ta' l-erbgħa u nofs ta' fil-għodu, fl-għomor ta' 67 sena, Paolino Vassallo miet f'temp ta' ġimgħa wara marda qasira.

*Prof. Mro. Paolino Vassallo*

Vassallo miet fid-dar tiegħu Nru.41, Strada Zekka, il-Belt Valletta. L-għada huwa ndifen fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata. Għall-funeral tiegħu attendew għadd kbir ta' nies, fosthom il-kantanti liriċi kollha flimkien ma' l-impjegati tat-Teatru Rjal. Ħajtu għexha fl-imħabba għal familtu u l-arti mużikali tiegħu. Kien bniedem strett imma fl-istess waqt qalbu tajba, iħoss għal ħaddieħor. Ma jistax ma jingħadx dwar is-Surmast Bormliż li kien bniedem reliġjuż u prattikanti.

Fuq il-qabar tiegħu nsibu l-kitba bil-Latin **VANE LAUDI NON CHIEDE NE RACCATTA GRANDEZZA VERA** li bil-Malti tfisser ***Il-Vera Kobor la Jitlob u Anqas Jittallab Tifħir Vojt***.

Paolino Vassallo kien surmast maħbub mill-poplu u kien maħbub bi mħabba speċjali min-nies ta' Bormla, ta' l-Isla u tal-Birgu. Prova prattika ta' kemm dan huwa minnu nsemmu meta fl-1898 kien tella' tmien serati ta' l-opra **Amor Fatale** u meta seba' snin wara kien tella' ħdax-il preżentazzjoni ta' **Frazir**. F'kull okkażjoni, it-Teatru Rjal ġibed bosta u bosta nies, l-aktar mill-Kottonera.

## Studju u Ħidma f'Pariġi

Ta' dsatax-il sena, mar Pariġi biex itemm l-istudji mużikali tiegħu. Kienet is-sena 1875. Quddiemu kellu tnax-il sena illustri mill-ħajja mużikali tiegħu jistennih. Vassallo, fis-snin li għex f'Pariġi, żgur li ftit jew wisq influwenza ruħu.

Fil-Konservatorju ta' Pariġi studja taħt Ernest Guiraud u Jules Massenet. Student miegħu taħt Guiraud kellu lil Claude Debussy. Ħames snin wara l-wasla tiegħu fil-kapitali Franċiża, Vassallo bbrilla tant fid-daqq tal-vjolin li ddaħħal fl-orkestra tat-teatru Opera Comique bħala prim vjolinista.

Fl-istudju "Music" Jospeh Vella jikteb li kien direttur ta' l-orkestra famuża Lamourex

## Lura f'Malta

Meta ġie lura f'pajjiżu, Paolino Vassallo fetaħ Istitut Mużikali fejn it-tagħlim offrieh fuq il-mudell tal-konservatorju Pariġin li studja fih. Minn fost il-mużiċisti li ħarġu minn taħt idejn is-Surmast Bormliż insibu lil Giuseppe Caruana, Josie Maria Pulvirenti u lil Carlo Diacono.

Vassallo beda wkoll jagħmel servizz ta' mużika f'kappelli ta' knejjes differenti f'dawk li huma festi sekondarji. Eżempju tipiku nsibuh fil-

parroċċa ta' belt twelidu, Bormla. Kien il-Ħadd, 17 ta' Mejju 1896 meta Vassallo pprovda l-mużika għall-festa tal-Purità ta' Marija Verġni meqjuma fil-parroċċa ta' Bormla stess. Din il-festa kienet f'idejn il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni.

Tragward ewlieni ieħor għas-Surnast Paolino Vassallo kien li jmexxi l-Banda "San Ġorġ" ta' Bormla li lilha jaf l-għeruq mużikali bikrin tiegħu. Ma setax jonqos li Paolino Vassallo jikteb xogħlijiet mużikali għall-banda Kospikwana. Il-**Marcia Trionfale** sservi ta' mudell.

Bħala interess fil-mużika klassika, Vassallo talla' tliet kunċerti bl-ewwel tnejn fit-Teatru Rjal fl-I ta' Mejju 1888 u l-11 ta' Jannar 1889 l-ieħor fis-sala l-kbira tal-Biblijoteka Nazzjonali tal-Belt fit-23 ta' Diċembru 1889. Dan it-tielet kunċert irrifletta l-fehma personali ta' Paolino Vassallo fuq dak li xi darba kellu jkun il-*Motu Proprio* tal-Papa Piju X.

F'Ottubru 1902. Mro. Giuseppe Caruana rriżenja bħala maestro di cappella taż-żewġ katidrali. Il-personalità, il-kariżma u l-awtorità li kienu qegħdin ifittxu fl-istess bniedem rawhom f'Paolino Vassallo flimkien mal-ħila mużikali biex bihom ilkoll imexxi l-ġlieda għat-transizzjoni mill-mużika profana għall-mużika ekkleżjali li kienet tixraq lid-dar ta' Alla, l-aktar qabel il-funzjonijiet reliġjużi.

Paolino Vassallo nħatar maestro di cappella taż-żewġ katidrali nhar it-22 ta' Novembru 1902. Fit-22 ta' Novembru 1903, jum Santa Ċeċilja, protettriċi tal-mużiċisti mad-dinja kollha, ixxandar il-*Motu Proprio* tal-Papa Piju X dwar il-mużika liturġika.

## It-Tliet opri ta' Vassallo

It-tliet opri li kiteb Paolino Vassallo huma:

1. **Amor Fatale**, li nkitbet fl-1898 f'żewġ atti, hija xogħol rivedut mill-opra f'att wieħed **Francesca da Rimini** u li kienet inħademt fl-1888.
2. **Frasir** miktuba f'erba' atti b'librett ta' l-Avukar Mikielanġ Refalo fl-1905. Is-suġġett ittieħed mir-rumanz "Susanna" li Ġino Muscat Azzopardi kiteb fl-1883.
3. **Edith Cavell** nħadmet fi tliet atti erba' snin wara mewtu nhar il-21 ta' Marzu 1927 fit-Teatru Rjal. Kienet saret b'ġieħ għalih u għall-ħidma denja li għamlitu kemm Bormliż kif ukoll Malti dehen. Il-librett ta' din l-opra huwa xogħol ta' l-Avukat Augusto German li lilu jappartjeni l-ħolqien tad-drama u x-xeneġġjatura, u l-għalliem tal-Liċeo Alfonso Giglio li kiteb il-lirika.

## Paolino Vassallo Mfakkar

F'għeluq il-150 sena minn twelidu tfakkar mill-Banda "San Ġorġ" ta' Bormla li tagħha kien surmast. Nhar l-Erbgħa, 12 ta' April 2006 ittellgħet lejla funebri fis-sala ewlenija tal-każin bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tar-Randan.

Fl-Erbgħa, 24 ta' Mejju 2006 nfetħet wirja fis-sala Isouard tat-Teatru Manoel b'*memorabilia* ta' Paolino Vassallo, fosthom il-vjolin li kien idoqq bih fi Franza.

Fit-Tlieta, 30 ta' Mejju 2006 fit-Teatru Manoel tfakkret l-okkażjoni tal-150 sena minn twelid Vassallo mill-Orkestra Nazzjonali.

Għeluq il-150 sena mit-twelid ta' Mro. Paolino Vassallo, sabiex ikun komplut, is-sit elettroniku uffiċjali ***www.jules-massenet.com*** inkluda tagħrif imdaqqas flimkien ma' ritratt tas-Surmast Bormliż fuq inizjattiva ta' l-Orkestra Nazzjonali.

**Referenzi:**

1. **Malta Culture and Identity,** Henry Frendo u Oliver Friggieri (Edituri), Ministry for Youth and the Arts, 1994, paġna 174.
2. **Il-Mużika ta' Malta fis-Seklu Dsatax u Għoxrin**, Joseph Vella Bondin, Kullana Vol.19, PIN, 2000, paġna 105
3. **Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku,** Rob. Mifsuf Bonnici, Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1960, p.514
4. **L-Istorja ta' l-Opra f'Malta (1866-2000)**, Alfred G. Miceli, Kullana Vol.27, PIN, 2001

SIMPSON *Boutique*

*Latest Garments for*

**Gents • Ladies • Children**

144, St. Paul's Street, Cospicua